

Brussell, 15 ta' April 2025
(OR. en)

7534/1/25
REV 1

COARM 74
CFSP/PESC 500

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni tal-Armi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni tal-Armi, kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fl-14 ta' April 2025.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-KONTROLL TAL-ESPORTAZZJONI TAL-ARMĠ

1. Il-Kunsill jissottolinja l-kontribut essenzjali li politika kummerċjali tal-armi responsabbli tagħmel għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Kunsill iġedded l-impenn tiegħu li jippromwovi l-kooperazzjoni u l-konverġenza fil-politiki tal-Istati Membri għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari fejn il-kriterji tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK jiġu ssodisfati għaċ-ċaħda ta' tali esportazzjoni.
2. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu għat-tiżiħ tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/779 tal-14 ta' April 2025, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK, u fl-impenn tiegħu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u jippromwovi l-konverġenza fil-qasam tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari, fi ħdan il-qafas tal-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni (PESK) permezz tal-istabbiliment, iż-żamma u l-implimentazzjoni ta' standards komuni għolja għall-kontroll tat-trasferimenti ta' teknoloġija u tagħmir militari mill-Istati Membri kollha. Dan ser ikompli jsir, fost l-oħrajn, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti fost l-Istati Membri, inkluż informazzjoni dwar in-notifiki ta' rifjut u l-politiki tal-esportazzjoni tal-armi, jew permezz tal-identifikazzjoni ta' miżuri possibbli biex tkompli tiżdied il-konverġenza. Il-kummerċ ta' teknoloġija u tagħmir militari għandu jsir b'mod responsabbli u b'rispett tad-dover ta' rendikont, u għandu jsir kull sforz biex tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom għal terroristi, kriminali u utenti mhux awtorizzati oħra.
3. Il-Kunsill jilqa' l-impenn imġedded tal-Istati Membri għall-Pożizzjoni Komuni legalment vinkolanti kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/779 u jenfasizza l-importanza li titwettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjonijiet għal liċenzja tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari skont il-kriterji stipulati fiha.

4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-għan komuni li rified l-adozzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK fl-2008. Il-Kunsill ifakkar fil-valutazzjonijiet preċedenti li jista' jinkiseb aktar progress fl-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni sabiex tiġi massimizzata l-konverġenza fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi. Il-Kunsill jilqa' li l-Gwida għall-Utenti tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK ġiet emendata sabiex il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskji stabbiliti bil-Pożizzjoni Komuni jiġu operazzjonalizzati aktar. Il-Kunsill jissottolinja li l-interpretazzjoni konsistenti u l-applikazzjoni operazzjonali ta' dawk il-kriterji jappoġġaw il-konverġenza tal-politiki nazzjonali tal-esportazzjoni tal-armi.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-devjazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari, speċjalment armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW), li jikkontribwixxu għall-vjolenza bl-armi madwar id-dinja. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-istrumenti stabbiliti biex jiġi limitat il-kummerċ fl-armi, inkluż l-embargos tan-NU fuq l-armi, is-sanzjonijiet tal-OSKE u l-miżuri restrittivi tal-UE.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tal-Istati Membri għal reġimi multilaterali ta' kontroll tal-esportazzjoni, peress li jsostnu l-azzjonijiet tagħhom li jappoġġaw approċċ multilaterali kontinwu għall-kontroll tal-esportazzjoni, u għat-tisħiħ tal-funzjonament ta' dawn ir-reġimi, li huma fundamentali, fost l-oħrajn, biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni destabbilizzanti ta' armi konvenzjonali u għall-promozzjoni tal-paċi internazzjonali.
7. Il-Kunsill ifakkar li r-rispons tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz ta' miżuri ta' assistenza tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) b'appoġġ għad-dritt inerenti tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha f'konformità mad-dritt internazzjonali inkluż il-Karta tan-NU, wera l-impenn sod tal-UE li ttiprovdi appoġġ kontinwu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-appoġġ militari jingħata b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.
8. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-miżuri li jiffaċilitaw l-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari żviluppatti b'mod konġunt mill-Istati Membri jistgħu jstimulaw il-kooperazzjoni fl-Unjoni u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tal-kompetittività globali tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-Unjoni, li min-naħa tagħha tikkontribwixxi għat-tisħiħ fil-prontezza u l-kapaċitajiet ġenerali tad-difiża tal-Ewropa.

9. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli dwar l-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea li tappella lill-Istati Membri jesploraw modi lejn aktar konverġenza gradwali tal-prattiki tagħhom ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, speċjalment għal dawk il-kapaċitajiet ta' difiża li huma żviluppati b'mod konġunt, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar Prattika dwar ir-regoli dwar il-kontroll tal-esportazzjoni għal kapaċitajiet żviluppati b'mod konġunt.
10. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/41 dwar miżuri ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon (riformulazzjoni) fid-19 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-impenn li jinżammu l-istess standards dwar l-esportazzjoni tal-armi tan-nar ċivili bħal dawk għall-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari. Il-Kunsill jilqa' b'mod speċifiku l-applikazzjoni tal-kriterji tal-Pożizzjoni Komuni għall-esportazzjoni tal-armi tan-nar ċivili u d-delineazzjoni ċara bejn il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ atti legali.
11. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur tal-esportazzjonijiet tal-armi għall-istabbiliment ta' relazzjonijiet fit-tul bejn l-Istati Membri fornituri u l-utenti finali, li jistgħu jgħinu biex jinbnew u jissaħħu s-sħubiji fis-sigurtà u d-difiża, u b'hekk tissaħħa il-kapaċità tagħna li nikkontribwixxu għall-paċi u s-sigurtà tal-kontinent tagħna, li nirreaġixxu għal konflitti u kriżijiet esterni, u li niproteġu lill-UE u liċ-ċittadini tagħha, f'konformità mal-Boxxla Strateġika tal-UE;
12. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għat-trasparenza fil-kummerċ internazzjonali tal-armi, b'għadd ta' miżuri konkreti li huma intenzjonati li jiffaċilitaw rappurtar korrett, koerenti u f'waqtu dwar l-esportazzjonijiet tal-armi tal-Istati Membri. Dawn jinkludu skadenzi ta' rappurtar ċari għar-Rapport Annwali tal-UE u aktar linji gwida fil-Pożizzjoni Komuni 2008/944 emendata u l-Gwida għall-Utenti dwar is-sustanza u l-proċess tar-rappurtar. Il-Kunsill jilqa' r-riżultati tal-ħidma tas-sottogrupp tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM) tal-Grupp ta' Ħidma dwar in-Nonproliferazzjoni u l-Esportazzjoni tal-Armi dwar l-aħjar Prattiki biex tiġi rrapportata l-informazzjoni rilevanti dwar l-esportazzjonijiet reali. L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jirrapportaw dwar il-valur tal-esportazzjonijiet reali, fejn disponibbli, u li jesploraw modi kif jagħmlu tali informazzjoni disponibbli, fejn rilevanti.
13. Il-Kunsill jilqa' l-qbil tal-Istati Membri biex ikomplu jtejbu l-metodi ta' ħidma tal-COARM, inkluż it-tnedija ta' bażi ta' data għall-uffiċjali tal-liċenzjar f'Mejju 2022. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-baży ta' data.

14. Il-Kunsill jesprimi l-impenn li jkompli bl-isforzi tiegħu li jippromwovi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA), inkluż rappurtar trasparenti, permezz ta' sensibilizzazzjoni sinerġetika u orjentata lejn ir-riżultati. Il-Kunsill itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni msaħħa tat-TKA jippromwovu l-għan tat-Trattat għal kooperazzjoni, trasparenza u azzjoni responsabbli permezz tar-regolarizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-armi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u jnaqqsu t-tbatija tal-bniedem. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar id-dinamika negattiva fit-TKA, inkluż fil-preżentazzjoni ta' rapporti annwali. Filwaqt li jilqa' l-għadd sinifikanti ta' Stati li issa huma parti għat-TKA, il-Kunsill jappella għal sforzi msaħħa lejn aderenza universali. Il-Kunsill jappella lill-Istati biex jaderixxu mat-TKA, jew jirratifikawh, jekk għadhom ma għamlux dan u, biex jaderixxu mat-termini tiegħu sakemm issir l-adeżjoni jew ir-ratifika tagħhom.
15. Il-Kunsill jissottolinja s-sinifikat u r-rilevanza tas-sensibilizzazzjoni tal-UE orjentata lejn pajjiżi terzi b'appoġġ għal kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi u jimpenja ruħu li jkompli u li jsaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, speċjalment il-pajjiżi kandidati tal-UE u fil-viċinat tal-UE. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pajjiżi terzi biex jallinjaw ruħhom mal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK u kwalunkwe reviżjoni sussegwenti tagħha.
16. Il-Kunsill jimpenja ruħu li jmexxi 'l quddiem il-ħidma fuq elementi li jappoġġaw il-kummerċ responsabbli fit-teknoloġija u t-tagħmir militari, u jinkariga lill-COARM fejn rilevanti biex:
- (1) ikompli jesplora modi biex jiġi appoġġat it-traċċar ta' teknoloġija u tagħmir militari għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tad-devjazzjoni, inkluż permezz tal-immarkar tal-armi u t-tikkettar tal-munizzjon, bl-użu ta' soluzzjonijiet tekniċi innovattivi għat-traċċar; ikompli jappoġġa u jaħdem lejn aktar żvilupp tal-Mekkaniżmu ta' Rappurtar Globali dwar Armi Konvenzjonali u l-Munizzjon Tagħhom (iTrace);
 - (2) b'rikonoxximent tal-valur ta' relazzjoni tajba u kooperazzjoni bejn l-istati esportaturi u importaturi, inkluż il-verifika u l-monitoraġġ tal-utent finali bħala għodda għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni, jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi li jixtiequ biex jesploraw flimkien tali relazzjoni u kooperazzjoni, u jaħdem biex jiżviluppa l-aħjar prattiki għall-Istati Membri;
 - (3) jaqbel dwar mezzi li jiffaċilitaw l-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari żviluppati b'mod konġunt mill-Istati Membri;

- (4) jesplora modi kif jiġu indirizzati r-riskji li t-teknoloġija jew it-tagħmir militari li għandu jiġi esportat jista' jintuża biex jitwettqu jew jiġu ffaċilitati atti serji ta' vjolenza kontra persuni li jappartjenu għal gruppi speċifikament protetti mid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;
 - (5) jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-ġestjoni tal-ħażniet ta' armi u munizzjon;
 - (6) irawwem aktar konverġenza lejn standards minimi ta' kontrolli ta' teknoloġija intanġibbli u trasferimenti tal-ġharfien;
 - (7) ikompli s-sensibilizzazzjoni orjentata lejn l-industrija tad-difiża tal-Unjoni biex jiġu promossi l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, it-trasparenza u l-konverġenza tal-politika tas-sigurtà u l-konsiderazzjonijiet ekonomiċi, inkluż fil-kuntest tat-TKA;
 - (8) jevalwa l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/38 tal-15 ta' Jannar 2021 li tistabbilixxi approċċ komuni dwar l-elementi taċ-ċertifikati tal-utenti aħħarin fil-kuntest tal-esportazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon tagħhom.
17. Il-Kunsill ifakkar fl-obbligu li tiġi żgurata l-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 21(3), it-tieni paragrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; f'dan ir-rigward il-Kunsill jinnota l-importanza ta' politika ta' kontroll tal-esportazzjoni konsistenti fir-rigward ta' teknoloġija u tagħmir militari, u oġġetti b'użu doppju.
18. Il-Kunsill jagħti l-kompitu lill-COARM sabiex jivvaluta mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/779, fi żmien ħames snin.
-